*Art.39 (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta*

*Art 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea*

*Imparzjalita ta' Chairman tat-Tribunal Industrijali*

*Rikuza*

*Art 734 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta*

# QORTI CIVILI - PRIM' AWLA
## (Sede Kostituzzjonali)

## MHALLEF

## ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND
## LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 31 ta' Jannar 2019**

**Kawza Numru : 2**
**Rikors Kostituzzjonali Numru : 91/2017/LSO**

**Malta Freeport Terminals Ltd. (C-27581)**
**vs**

**L-Avukat Generali u b' digriet tal-5 ta' Dicembru gie kjamat in kawza Gilbert Scerri**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ta' Malta Freeport Terminals Ltd. datat 13 ta' Novembru 2017 fejn esponew: -

Illi fil-kaz 3542 JHP pendenti quddiem it-Tribunal Industrijali, fl-ismijiet Gilbert Scerri vs Malta Freeport Terminals Ltd., ir-rikorrent allega li tkecca mix-xoghol tieghu mas-socjeta` intimata ingustament;

Illi gew istitwiti proceduri quddiem it-Tribunal Industrijali minn Gilbert Scerri kontra s-socjeta` esponenti liema proceduri gew assenjati lis-Sur James H Pearsall bhala *c-Chairman* ta' dan l-istess tribunal;

Illi r-rikorrent fil-kawza fuq imsemijja huwa assistit minn Dr Aaron Mifsud Bonnici u Dr Carina Testa, illi huma l-Avukati tal-General Workers' Union;

Illi r-rikorrent f' dawk il-proceduri - Gilbert Scerri - huwa ukoll membru tal-General Workers' Union rapprezentat minn avukat ta' l-istess Union kif ukoll numru ta' xhieda indikati huma wkoll ufficjali tal-Union;

Illi l-imsemmi *Chairman* James Pearsall kien ghal zmien twil ufficjal u fl-ahhar snin, kien President tal-General Workers' Union;

Illi minhabba dawn il-fatti inkontestati, is-socjeta' esponenti talbet *in limine litis* ir-rikuza tal-imsemmi *Chairman* billi f'dan il-kaz hemm dubbju ta' imparzjalita' oggettiva min-naha tac-*Chairman* li jkun jista' ragonevolment jigi ippercepit mill-ossevatur u specjalment minn parti fil-process gudizzjajru, u cioe` l-esponenti, dan ghandu jaghti lok sabiex ic-*Chairman* ma jibqax jippresjedi fuq il-kawza in kwistjoni; l-aforizma *"justice must not only be done but must be seen to be done"* trid dejjem tigi valutata fl-isfond tal-kaz partikolari. Izda Tribunal Industrijali permezz ta' digriet tal-20 ta' Settembru 2017, cahdet it-talba ghar-rikuza u ordnat il-prosegwiment tal-kawza billi qalet li "ma jqisx ir-raguni mqajma bhala wahda sufficjenti sabiex jilqa' t-talba rikjesta, u ghaldaqstant jordna l-prosegwiment ta' dan il-kaz";

Illi dan ir-rikors qed isir *ai termini* tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem Artikolu 6 tal-ewwel skeda tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta ghaliex is-socjeta' esponenti tissottometti illi qed jigi lez id-dritt fundamentali ta' smigh xieraq;

<u>Bazi tat-Talba</u>

Illi huwa ben stabbilit, in konnessjoni mad-dritt ghal smigh xieraq, li sabiex gudikant jista' jipprevali u jiddetermina *civil rights and obligations* irid ikun imparzjali u jrid jissodisfa zewg rekwiziti u cioe' li jkun imparzjali b'mod soggettiv u jrid ikun imparzjali b'mod oggettiv; jekk wahda minn dawn

ir-rekwiziti tkun nieqsa, ghalhekk, il-gudikant m'huwiex meqjus imparzjali u ma ghandux jippresjedi *stante* li jista' jkun hemm ksur *pales* tad-dritt fundamentali ghal smigh xieraq; f'dan il-kaz partikolari, bhal kull kaz li jitressaq quddiem it-Tribunal Industrijali, il-parti telliefa anqas ghandha dritt ta' appell, hlief fuq punt ta' Ligi (Art. 82 (3) tal-Kap. 452) u dan il-fatt ikompli jaggrava s-sitwazzjoni.

Illi huwa principju ben assodat li jekk anki jkun hemm l-icken dubbju ta' imparzjalita' oggettiva min-naha tal-gudikant li jkun jista' ragonevolment jigi ippercepit mill-ossevatur u specjalment minn parti fil-process gudizzjarju, u cioe` s-socjeta' esponenti, dan ghandu jaghti lok sabiex il-gudikant ma jibqax jippresjedi fuq il-kawza in kwistjoni; l-aforizma *"justice must not only be done but must be seen to be done"* trid dejjem tigi valutata fl-isfond tal-kaz partikolari;

Illi barra minn hekk, huwa principju ormai stabbilit ghalkemm mhux pacifiku fil-gurisprudenza tal-Qrati Maltin (kif ser jigi mfisser ahjar fil-mori tal-kawza) illi anki jekk skont id-dispozizzjonijiet relattivi tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta ma jkunx hemm lok ta' rikuza - anzi jista' jkun hemm addirittura divjet ta' astensjoni - tista' tinholoq sitwazzjoni li tikkuntrasta mad-drittijiet fundamentali ta' l-individwu kif garantiti lilu mill-Kostituzzjoni u mill-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;

Illi m'hemmx dubju li kemm il-Kostitituzzjoni ta' Malta kif ukoll il-Konvenzjoni Ewropea dwar Drittijiet Fundamentali

tal-Bniedem kif sancit fl-artikolu 3 (2) tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta huma ligijiet supremi u ghalhekk id-disposizzjonijiet li jemanu minnhom jipprevalu fuq kwalunkwe ligijiet domestici ohra nkluzi l-provedimenti li jirregolaw ir-rikuza tac-*chairperson* ossia l-Artikolu 734 fil-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Jekk lok ghal rikuza m'hemmx fil-kaz prezenti, fl-isfond tal-principju tas-supremazija, li d-disposizzjonijiet dwar id-drittijiet fundamentali tal-bniedem ghandhom dejjem jipprevalu u jigu protetti;

Illi, fil-kawza fuq imsemmija, jirrizulta li c-*chairperson*, li qed jippresjedi it-Tribunal Industrijali, f'ghajnejn is-socjeta' esponenti **m'huwiex imparzjali b'mod oggettiv;**

Dan ifisser ghar-rikorrenti li **hemm biza' li kemm fil-mori tal-kawza, kif ukoll** fid-decizjoni, c-***chairperson*** **mhux ser ikun imparzjali** ghaliex ser ikun influwenzat mill-inklinazzjoni u r-relazzjoni li kellu tul is-snin lejn il-General Workers' Union;

Illi, il-Qrati Ewropej sostnew li anki **apparenzi biss** jistghu jwasslu ghan nuqqas ta' imparzjalita' tal-gudikant;

Illi qed jigi ddikjarat li m'hemmx rimedji ordinarji ghar-rikorrenti ghaliex, mhux talli m'hemm lok ta' rikuza abbazi tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, izda wkoll ghaliex kif spjegat fuq ir-rikorrenti attentaw jipprocedu quddiem it-Tribunal Industrijali fuq imsemmija sabiex jitolbu r-rikuza fuq ragunijiet kostituzzjonali hawn fuq imfissra. Din it-talba, pero', ma gietx rikonoxxuta;

Ghaldaqstant *in vista* tas-suespost, ir-rikorrenti umilment jitolbu li, ghar-ragunijiet imsemmija u prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna, din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

- Tiddikjara li s-smigh ta' dan ir-rikors jinstema' b'urgenza tenut kont tas-sitwazzjoni prekarja tas-socjeta' rikorrenti;

- Tiddikjara li hemm jew jista' jkun hemm ksur tad-drittijiet fundamentali ta' smigh xieraq abbazi tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni dwar Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem (regolata wkoll mill-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta) fuq l-imparzjalita' *tac-chairperson* James H. Pearsall fil-kawza 3542 JHP fl-ismijiet Gilbert Scerri vs Malta Freeport Terminals Ltd.;

- Tordna r-rikuza *tac-chairperson* James H. Pearsall fil-kawza 3542 JHP fl-ismijiet Gilbert Scerri vs Malta Freeport Terminals Ltd.;

- Tordna li jihatar gudikant iehor li ma jkollux konnessjonijiet prezenti jew passati mal-General Workers' Union sabiex jippresjedi fuq il-kawza 3542 JHP fl-ismijiet Gilbert Scerri vs Malta Freeport Terminals Ltd.;

- In virtu' tal-poteri lilha moghtija, taghti dawk l-ordnijiet u r-rimedji li jidhrilha xierqa u opportuni.

Salvi sottomissjonijiet ulterjuri.

Rat li dan ir-rikors gie appuntat ghas-seduta tal-5 ta' Dicembru 2017.

Rat ir-risposta ta' l-Avukat Generali datata 5 ta' Dicembru 2017 a fol 15 tal-process fejn espona bil-qima:

Illi fir-rikors promotur is-socjeta` rikorrenti qieghda tallega illi *'jista' jkun hemm ksur tad-drittijiet fundamentali ta' smigh xieraq abbazi tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni dwar Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem (regolata wkoll mill-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta) fuq l-imparzjalita' tac-chairperson James H. Pearsall fil-kawza 3542 JHP fl-ismijiet Gilbert Scerri vs. Malta Freeport Terminal Ltd'.*

Illi l-esponent mill-bidu jirrileva li huwa jikkontesta l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet kollha tas-socjeta` rikorrenti *stante* li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti li qeghdin jigu elenkati minghajr pregudizzju ghal xulxin.

1. Illi in linea preliminari billi s-socjeta` rikorrenti qieghda f'din il-kawza titlob fost ohrajn li jiksbu rimedju u li jsiru anke xi bidliet fil-proceduri 3542 JHP, allura jinhass xieraq ghall-ghanijiet ta' integrita` tal-gudizzju li l-partijiet kollha f' dawk il-proceduri industrijali jkunu parti f'din il-kawza, halli b'hekk kulhadd ikollu l-jedd li jghid tieghu u b'hekk hadd ma

jkun jista' jigi wara u jilmenta li ttiehdet xi decizjoni li tolqot il-proceduri 3542 JHP fl-assenza tieghu.

2. Illi preliminarjament l-ilment tas-socjeta` rikorrenti m'ghandux jigi mistharreg ghaliex sa issa r-rikorrenti ma tistax tghid li hija sfat vittma ta' xi ksur tal-jedd ta' smigh xieraq. Kif spiss jinghad f' dawn ic-cirkostanzi xilja ta' vjolazzjoni ta' ksur ta' smigh xieraq ghandha tigi meqjusa fil-kuntest tal-process kollu kemm hu u mhux fil-kuntest ta' incident maqtugh ghalih wahdu. Illi ghalhekk l-azzjoni odjerna hija ghal kollox intempestiva u ghandha tigi dikjarata bhala tali.

3. Illi digriet dwar rikuza ma jiddeterminax *per se* d-dritt civili jew l-obbligazzjoni li jkun irid jigi deciz fil-kawza imma hija biss decizjoni ta' natura amministrattiva. Tali dritt civili jew obbligazzjoni jigi determinat biss bis-sentenza finali. Ghalhekk sakemm m'hemmx sentenza finali r-rikorrenti ma tistax tghid li hija giet pregudikata ghar-raguni li l-aggudikant ghazel li jkompli jismghu l-kawza. Jekk dan il-fatt gabx pregudizzju lis-socjeta` rikorrenti wiehed jista' jarah biss aktar 'il quddiem u mhux issa.

4. Illi d-digriet moghti mill-aggudikant ma jistax jitqies wahdu bhala li wassal ghal ksur tas-smigh xieraq bhalma lanqas ma jista' jigi interpretat bhala xi theddida li l-aggudikant m'huwiex sejjer jaqta' l-kawza skont il-haqq jew skont il-ligi. Illi l-aggudikant bil-gurament tal-hatra tieghu jigarantixxi l-imparzjalita` u l-indipendenza li jsawru id-dritt ghas-smigh xieraq.

5. Illi maghdud ma' dan, l-Artikolu 73 (1) (c) tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta wkoll jiggarantixxi l-imparzjalita` u l-indipendenza *tac-chairperson* tant li qabel ma jibda jinstema' kull kaz l-aggudikant ghandu jiddikjara lis-Segretarju tat-Tribunal kull interess illi huwa jista' jkollu fil-procedura. Dan izda ma jzomm lill-ebda parti biex *ai termini* tal-Artikolu 76 tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta’ Malta jitlob ir-rikuza tac-*chairperson* kif jipprovdi l-Artikolu 734 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

6. Illi s-socjeta` rikorrenti tibbaza r-rikuza taghha fuq il-fatt li '*Chairman* James Pearsall kien ghal zmien twil ufficjal u fl-ahhar snin, kien President tal-General Workers' Union'. Illi minn qari tal-Artikolu 734 l-esponent huwa tal-umli fehma illi ma jezistux ic-cirkosanzi hemm imsemmija li kellha twassal ghar-rikuza tal-aggudikatur, ghalhekk l-allegazzjoni maghmula mis-socjeta` rikorrenti li ser ikun hemm ksur ta' smigh xieraq ma hijex ibbazata fuq fatti oggettivament riskontrabbli, izda hija ibbazata fuq mera supposizzjoni jew hsieb.

7. Illi l-fatt li *Chairman* tat-tribunal kien ufficjal ta' organizzazzjoni li taghha Gilbert Scerri huwa membru u dan tal-ahhar huwa rapprezentat minn avukati tal-istess Union ma jfissirx li bejn ic-*Chairman,* Gilbert Scerri u l-avukati hemm rabta li tohloq dubju ragjonevoli fuq l-imparzjalita tac-*Chairman*. Ikun hemm dak id-dubju li kieku c-*Chairman*, issa li qed jisma' l-kaz, huwa f’ pozizzjoni subordinata ghal wahda mill-partijiet fl-organizzazzjoni li

fiha hu u dik il-parti jkunu msiehba, b'mod li l-karriera *tac-Chairman bhala* msieheb f' dik l-organizzazzjoni tista' tiddependi fuq ir-rieda jew fuq is-setgha tal-parti.

8. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, wiehed ghandu jqis li d-decizjoni finali ta' James J Pearsall fil-proceduri 3542 JHP hija wkoll soggetta ghal dritt tal-appell quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) liema dritt t'appell jinkludi kwistjonijiet dwar jekk kienx hemm *personal bias* mill-gudikant fl-ewwel istanza u kif ukoll dwar kif dan il-gudikant applika l-ligi.

9. Illi fl-umli fehma tal-esponent ir-rimedju tal-appell jinnewtralizza kull bizgha jew kull preokkupazzjoni li jista' jkollha s-socjeta` r-rikorrenti dwar l-aggudikatur. Fuq dan jiktbu l-awturi Jacobs, White & Ovey fil-ktieb taghhom, *The European Convention on Human Rights* u jispjegaw li *'even where the first instance tribunal is not sufficiently independent, the availability of judicial review by an Article 6- compliant Court will remedy the earlier defect'* (ara b'ezemplari ***Bryan vs. United Kingdom*** (App. 19178/91) deciza fit-22 November 1995). Ghalhekk minhabba dawn ir-ragunijiet ma jidhirx li hemm lok li din il-kawza kostituzzjonali tigi deciza qabel ma jintemmu l-proceduri civili in kwistjoni.

10. Illi wiehed ma jistax jallega li hemm lezjoni ta' smigh xieraq sabiex jaghzel huwa stess liema gudikant ghandu jiddeciedi l-kawza tieghu. Certament li dak m'huwiex id-dritt li jigarantixxi l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Illi l-Artikolu 39

tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ma jaghtux id-dritt lill-parti li taghzel il-gudikant bhalma lanqas ma taghtiha d-dritt li tbiddel il-gudikant jekk dan ma jkunx jinzel wisq tajjeb maghha. Kuntrarjament dak li jehtiegu dawn iz-zewg artikli tal-ligi huwa li l-gudikant ikun indipendenti u imparzjali. F'dan il-kaz ma johrogx mill-istqarrijiet tas-socjeta` rikorrenti kif migjuba fir-rikors kostituzzjonali li *c-Chairman* ma jiggarantixxix dawn iz-zewg kwalifiki msemmija fil-ligi. Tabilhaqq ma jirrizultax li *c-Chairman* huwa b'xi mod ippregudikat jew *biased* kontra xi parti fil-kawza civili, bhalma lanqas ma jirrizulta li huwa qieghed imexxi din il-kawza bi ksur tal-principji li jsawru s-smigh xieraq.

11. Illi skont gurisprudenza assodata kemm nostrana kif ukoll tal-Qorti Ewropea, sabiex wiehed jitkellem dwar nuqqas ta' indipendenza u imparzjalita ta' gudikant irid juri li jkunu xelfu t-*test* suggettiv u oggettiv tal-imparzjalita`. Ma jidhirx li s-socjeta` rikorrenti qieghda tilmenta b'mod suggettiv kontra l-aggudikant.

12. Illi ghal dak li jirrigwarda t-test oggettiv, il-gurisprudenza tghallimna li 'biex raguni twassal ghall-astensjoni jew ghar-rikuza ta' gudikant din trid tkun wahda konkreta u mhux biss misthajla'. B'mod partikolari inghad li "il-ligi ma tridx li, semplicement ghax parti jew ohra f' kawza 'thoss' jew 'jidhrilha' li gudikant jista' jkun parzjali, allura dak il-gudikant ghandu ma jihux konjizzjoni ta' dik il-kawza.'[1] *([1]* ***Gordon Grixti Fino vs. St. Patrick's Salesian School,*** *deciza fit-30 ta' Settembru 2015, mill-Qorti tal-Appell (Sede*

*Inferjuri).*) Dan ifisser li sempliciment dubju m'huwiex grad gholi bizzejjed li ssir ir-rikuza.

13. Illi m'hijiex siewja x-xilja tas-socjeta` rikorrenti li m'ghandhiex rimedju taht il-ligi domestika sabiex tikkontesta d-decizjoni tat-Tribunal Industrijali li hija mtappna minn parzjalita u/jew *bias.* Minn decizjoni tat-Tribunal hemm dritt ta' appell quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri). Ilmenti marbuta ma' ksur tal-principji ta' gustizzja naturali u ta' *bias* huma punti legali li jistghu jigu mistharrga mill-Qorti tal-Appell. Kemm hu hekk il-Qorti tal-Appell ghandha b'attribuzzjoni l-poter residwali li tirrimedja ghal sitwazzjonijiet ta' lezjoni tar-regola fondamentali ghal smigh xieraq anke lil hinn minn dak li hu provvdut fil-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (ara *inter alia* ***Busy Bee Ltd vs. Joseph M. Said,*** Appell Inferjuri. 21 ta' Marzu 1997 u ***Design Elements Limited vs. Francis Busuttil & Sons (Marketing) Limited,*** Appell tat-8 ta' Gunju 2006). M'humiex il-qrati kostituzzjonali biss li huma kompetenti li jiddeterminaw kwistjonijiet pertinenti mal-principji tal-gustizzja naturali imma kull Qorti.

Ghaldaqstant fid-dawl tas-suespost ma hemm l-ebda lezjoni tad-drittijiet fundamentali tas-socjeta` rikorrenti u din l-Onorabbli Qorti ghandha tichad l-allegazzjonijiet u t-talbiet kollha bhala infondati fil-fatt u fid-dritt.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.

Rat il-verbal tas-seduta tat-Tlieta, 5 ta' Dicembru 2017 fejn meta ssejjah ir-rikors deher Dr Joseph Zammit Maempel ghas-socjeta` rikorrenti rapprezentata minn John Visanic.
Prezenti Dr Mireille Sacco ghall-Avukat Generali, li ghaddiet kopja tar-risposta lid-difensur tar-rikorrent. Il-Qorti fuq talba ta' Dr Joseph Zammit Maempel, mhux opposta, ordnat il-kjamat fil-kawza ta' Gilbert Scerri u b'hekk l-ewwel eccezzjoni ghandha titqies sorvolata. Dan ir-rikors jitratta kwistjoni prettament legali apparti l-prova dwar il-kariga li kien jokkupa c-*Chairman* tat-tribunal industrijali. Ir-rikors gie differit ghall-provi tar-rikorrent u ghan-notifika u risposta tal-kjamat in kawza ghat-8 ta' Frar 2018 fin-12:30p.m.

**Rat ir-risposta ta' Gilbert Scerri (KI:** 464977M) datata 1 ta' Frar 2018 a fol 24 fejn espona:

Illi l-Onorabbli Qorti fis-seduta ta' nhar il-hamsa (5) ta' Dicembru tas-sena elfejn u sbatax (2017) ordnat il-kjamata fil-kawza ta' Gilbert Scerri. Illi ghalkemm l-esponent ghadu mhuwiex notifikat bid-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti tal-hamsa (5) ta' Dicembru tas-sena elfejn u sbatax (2017) fejn giet ordnata l-kjamata in kawza tal-esponent u lanqas bir-rikors promotur tas-socjeta' rikorrenti, huwa qieghed jaghti ruhu b'notifikat bir-rikors promotur tas-socjeta` rikorrenti datat it-tlettax (13) ta' Novembru tas-sena elfejn u sbatax (2017);

Illi fir-rikors promotur, is-socjeta' rikorrenti prevja li taghmel varji allegazzjonijiet, qieghda tinvoka l-protezzjoni tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewroprea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (inkluz l-artikolu 6 tal-ewwel skada tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta) u dan in segwitu li t-talba ghar-rikuza tac-Chairperson James Pearsall li jippressjedi t-Tribunal Industrijali giet michuda permezz ta' digriet datat l-ghoxrin (20) ta' Settembru tas-sena elfejn u sbatax (2017);

Illi s-socjeta' rikorrenti fir-rikors promotur tipprovdi:

(i) Illi l-Avukati sottofirmati Dr Aron Mifsud Bonnici u Dr Carina Bugeja Testa huma uhud mill-Avukati tal-General Workers' Union;

(ii) Illi l-esponent Gilbert Scerri, ossia l-persuna li ntavola l-kawza kontra s-socjeta' rikorrenti quddiem it-Tribunal Industrijali *in vista* tat-terminazzjoni tal-impjieg li soffra minn mas-socjeta' rikorrenti huwa membru tal-General Workers' Union;

(iii) Illi l-imsemmi *Chairman* James Pearsall kien ghal zmien twil ufficjal u fl-ahhar snin kien President tal-General Workers' Union;

Illi l-esponent, jilqa' ghall-azzjoni tas-socjeta' rikorrenti, abbazi ta' dan li gej:

1. Illi fl-ewwel lok, l-azzjoni tar-rikorrenti hija ghal kollox intempestiva. Is-socjeta' rikorrenti bhal donna qieghda tinjora l-fatt li jezisti dritt ta' appell quddiem l-Onorabbli tal-Appell, inkluz mid-digriet li permezz tieghu t-Tribunal Industriali cahad it-talba tar-rikuza;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, fejn jirrigwarda l-mertu, l-azzjoni tas-socjeta' rikorrenti hija kompletament frivola u bla bazi. Fl-ewwel lok, jigi sottomess li l-ligi taghna tipprovdi mekkanizmu specifiku ghar-rikuza. It-talba ghar-rikuza ma tistax tkun kappriccjuza. Fil-kaz in ezami, is-socjeta' rikorrenti zgur li ma tistax tghid li hija sfat vittma ta' xi ksur ta' jedd ta' smigh xieraq jew li hemm kwistjonijiet ta' nuqqas ta' indipendenza u imparzjalita' tal-gudikant in kwistjoni;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-artikolu 73(10)(c) tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta jiprovdi specifikament li:

***'Ic-chairpersons*** *u l-membri tat-Tribunal ghandhom qabel ma jibda jinstema' kull kaz jiddikjaraw lis-Segretarju tat-Tribunal kull interess illi huma jista' jkollhom fil-proceduri u s-Segretarju ghandu, meta fil-fehma tieghu dak l-interess ikun jista' jippregudika l-indipendenza tac-chairperson jew tal-membru koncernat, jahtar chairperson jew membru iehor skont il-listi imsemmija fis-subartikoli (2) u (3) rispettivament: Izda xejn f'dan il-paragrafu ma ghandu jinftiehem bhala li jnaqqas id-dritt tal-partijiet f'kaz quddiem it-Tribunal li jitolbu r-rikuza ta' xi chairperson jew ta' xi*

*membru skont id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 734 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u skont id-dispozizzjonijiet ta' dan l-Att ';*

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikuza ta' gudikant, f' dan il-kaz *Chairman* tat-Tribunal Industrijali m'ghandhiex tkun kwistjoni ta' konvenjenza jew *forum shopping* kif qed tittenta trendiha s-socjeta` rikorrenti. Lanqas kull allegazzjoni ma ghandha tittiehed bhala bazi ghal rikuza. Fil-fatt kwalunkwe involviment li setgha kellu c-*Chairman* mal-General Workers' Union inqata' aktar minn sittax (16) -il sena ilu fil-fatt l-ahhar kariga li kellu James Pearsall fil-General Workers' Union kienet dik ta' President, liema kariga intemmet fis-sena elfejn u wiehed (2001). In oltre, l-esponent bhal kull impjegat iehor ghandu dritt li jassocja ruhu ma' Union sabiex id-drittijiet tieghu jigu mharsa filwaqt li jigi rapprezentat minn Avukat. F'dan il-kaz, l-esponent bhala membru tal-General Workers' Union kien rapprezentat minn Avukat mahtur mill-General Workers' Union u minn rapprezentant tal-General Workers' Union fil-proceduri ta' dixxiplina quddiem is-socjeta' rikorrenti u minn Avukat fil-proceduri quddiem it-Tribunal Industrijali;

5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, ma hemm l-ebda konnessjoni bejn Gilbert Scerri u c-*Chairman*. Liema *Chairman* ma ghandu l-ebda involvilment fil-General Workers' Union illum il-gurnata u lanqas meta sehhet it-terminazzjoni tal-impjieg ta' Gilbert Scerri minn mas-socjeta` Malta Freeport Terminals Limited;

6. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, ma hemm l-ebda konnessjoni bejn ic-*Chairman* u l-Avukati sottofirmati;

7. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talba tas-socjeta` rikorrenti ghar-rikuza tac-*Chairman* ma taqa' taht l-ebda mid-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

8. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewroprea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (inkluz l-artikolu 6 tal-ewwel skeda tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta) u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta bl-ebda mod ma jaghtu dritt lil xi parti jew ohra sabiex jaghzlu min ghandu jkun il-gudikant. Filwaqt li kif gia inghad minn imkien ma jirrizulta li l-gudikant in kwistjoni mhuwiex indipendenti u imparzjali;

9. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, ma hemmx ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewroprea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (inkluz l-artikolu 6 tal-ewwel skeda tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta) u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u lanqas ma jirrizulta li xxellef it-test oggettiv u t-test suggettiv tal-indipendenza u l-imparzjalita';

10. Illi jsegwi li t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda.

11. Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent ma ghandux jigi kkundannat ihallas spejjez.

Bl-ispejjez.

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta' Mejju 2018 fejn meta ssejjah ir-rikors dehru d-difensuri tal-partijiet. Xehed bil-gurament tieghu Gilbert Scerri, liema xhieda giet registrata fuq is-sistema eletronika. Dr Critien talbet li jigu allegati l-atti tal-proceduri li saru quddiem it-Tribunal Industrijali tal-ismijiet **Gilbert Scerri vs Malta Freeport Terminals Ltd** (Kawzi 3252/JHP). Il-Qorti laqghet it-talba u ordnat l-allegazzjoni tal-atti. Dr Critien iddikjarat li salv l-allegazzjoni tal-atti msemmija m' ghandhiex provi ulterjuri. Ir-rikors gie differit ghall-alleggazzjoni tal-atti msemmijia ghall-14 ta' Gunju 2018.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta' Malta Freeport Terminals Ltd datata 18 ta' Lulju 2018 a fol 43 tal-process

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Avukat Generali datata 6 ta' Settembru 2018 a fol 49 tal-process.

Gie nnotat li l-kjamat fil-kawza ma ipprezentax nota ta' sottomissjonijiet.

Rat il-verbal tas-seduta tat-Tlieta, 23 ta' Ottubru 2018 fejn meta ssejhet il-kawza dehru d-difensuri tal-partijiet li rrimettew ruhhom ghan-noti rispettivi taghhom. Il-kawza

giet differita ghas-sentenza ghall-31 ta' Jannar 2019 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi permezz tar-rikors odjern, is-socjeta' rikorrenti qed titlob harsien u rimedju opportun *stante* allegat ksur tad-drittijiet fondamentali kif sanciti bl-**artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta**, ('il quddiem imsejjah 'Il-Kostituzzjoni') u l**-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem (Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta)** ('l - quddiem imsejha 'Il-Konvenzjoni'). Ir-rikorrenti ssostni li tista' ssofri ksur *stante* nuqqas ta' imparzjalita' tac-chairperson tat-Tribunal Industrijali James H. Pearsall, li qed jisma' l-kaz ta' tkeccija ingusta, numru 3543 JHP fl-ismijiet ***Gilbert Scerri v Malta Freeport Terminals Ltd.*** L-ilment principali jitratta it-talba ghar-rikuza tac-*Chairman* James Pearsall, liema talba giet michuda permezz ta' digriet datat 20 ta' Settembru 2017.

Konsegwentement qieghed jintalab li l-Qorti tordna r-rikuza tac-Chairperson James H. Pearsall fl-imsemmi kaz, sabiex jinhatar gudikant iehor li ma jkollux konnessjonijiet prezenti jew passati mal-General Workers' Union biex jippresjedi fuq il-kaz Gilbert Scerri vs Malta Freeport Terminals Limited.

L-intimat laqa' preliminarjament, billi ssolleva l-htiega li l-partijiet kollha fil-proceduri quddiem it-Tribunal Industrijali ghandhom ikunu parti f'din il-kawza. Solleva wkoll eccezzjonijiet preliminari li essenzjalment huma marbuta mal-intempestivita' tat-talbiet odjerni *stante* li l-proceduri industrijali ghadhom mhumiex konkluzi definittivament u, inoltre, li r-rikorrenti dejjem ghandha r-rimedju ta' appell quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fuq kwistjoni bhal din cioe`, ilmenti marbuta ma ksur tal-principji ta' gustizzja naturali, li huma punti legali li jistghu jigu mistharrga mill-Qorti tal-Appell. Fil-mertu jopponi ghat-talba billi l-elementi ghall-ksur tal-jedd ghas-smigh xieraq ma jirrizultawx f'dan il-kaz. Gie sostnut li l-fatt li c-*Chairman* tat-Tribunal kien ufficjal ta' organizzazzjoni li taghha Gilbert Scerri kien membru, ma jfissirx li kien hemm rabta tali li tohloq dubju ragjonevoli dwar l-imparzjalita` tieghu fil-kaz; li ma jezistux ic-cirkostanzi previsti mill-**artikolu 734 tal-Kap 12**; li **l-artikolu 73(1) (c) tal-Kap 452** tal-Ligijiet ta' Malta wkoll jiggarantixxi l-imparzjalita`tal-gudikant; li c-cirkostanzi fil-kaz odjern ma jfallux mit-test oggettiv u soggettiv interenti fl-artikoli invokati; u li ma jistax jigi allegat li hemm lezjoni ta' smigh xieraq minn parti f'kawza sabiex jaghzel liema gudikant ghandu jiddeciedi l-kaz.

Il-kjamat fil-kawza **Gilbert Scerri laqa'** billi sostna li l-azzjoni odjerna hija intempestiva ghaliex jezisti dritt ta' appell mid-decizjoni tat-Tribunal Industrijali; li t-talba hija frivola u lanqas m'ghandha tkun kwistjoni ta' konvenjenza jew 'forum shopping; li ma hemm l-ebda konnessjoni bejn Gilbert Scerri u c-*Chairman* tat-Tribunal Industrijali, u li c-

*Chairman* tat-Tribunal m'ghandux involvement fil-General Workers' Union illum u lanqas meta sehhet it-terminazzjoni ta' Gilbert Scerri. L-intimat irribatta wkoll billi qal li t-talba ghar-rikuza ma taqax taht l-ebda mid-disposizzjonijiet tal-Kap 12. L-intimat Gilbert Scerri sostna li m'hemmx ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, inkluz l-artikolu 6 tal-ewwel Skeda tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u lanqas ma jirrizulta li xxellef it-test oggettiv u suggettiv tal-indipendenza u imparzjalita`.

**<u>Fatti:</u>**

Jirrizulta li fil-15 ta' Marzu 2017, Gilbert Scerri ipprezenta rikors quddiem it-Tribunal Industrija ghar-rimedju opportun *stante* tkeccija ingusta mill-impieg tieghu mas-socjeta' rikorrenti - kaz 3542 JHP - fl-ismijiet **Gilbert Scerri vs Malta Freeport Terminals Limited**, kif jidher mill-atti allegati. In segwitu, minhabba li c-*Chairman* James H. Pearsall kellu kariga gholja mal-General Workers' Union (GWU), u ghal perjodu ta' zmien President tal-GWU, u Gilbert Scerri, membru fl-istess Union u assistit u rapprezentat minn Avukati tal-GWU, kif ukoll minhabba li numru ta' xhieda indikati minnu huma wkoll ufficjali tal-Union, intalbet ir-rikuza tal-imsemmi *Chairman* James Pearsall. Izda, t-Tribunal Industrijali permezz ta' digriet datat 20 ta' Settembru 2017, esebit bhala Dok B a fol 9 *et sequens*, cahad it-talba ghal rikuza u gie ordnat il-prosegwiment tal-kaz. Illi sussegwentement, is-socjeta' Malta Freeport Terminals Limited ipprocediet bil-kaz

odjern, bl-ilment li gie lez id-dritt fundamentali ta' smigh xieraq kif sancit fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem, u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. B'Digriet iehor tat-Tribunal Industrijali tat-18 ta' Novembru 2017, il-kaz gie differit *sine die* pendenti dawn il-proceduri (Digriet a fol 13 u 14 tal-atti tal-Kaz Industrijali.)

Illi d-Digriet tal-20 ta' Settembru 2017 jghid hekk:

"*Fid-dawl tar-rikjesta ghar-rikuza tac-Chairperson, dan it-Tribunal ra u fela b'attenzjoni l-Artikli minn 733 sa 740 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*F'dan il-kuntest dan it-Tribunal ma jqiesx ir-raguni mqajma bhala wahda sufficjenti sabiex jilqa' t-talba rikjesta, u ghaldaqstant jordna l-prosegwiment tal-kawza."*

**Provi:**

**James Pearsall** xehed (fol 28-32)[1] u qal li hu kien President tal-General Workers' Union li ma kinitx kariga ezekuttiva u li qatt ma kellu kariga ezekuttiva mal-Union, izda l-konnessjoni mill-2001 'il quddiem kienet waqfet peress li hu kien irrizenja ghax kien ufficjal Pubbliku mal-Gvern. Qal li kien President tal-General Workers' Union mill-1994 sas-sena 2000. Semma li mill-2000 sal-2005 kien President tat-Taqsima tas-Servizzi Pubblici fi hdan il-General Workers' Union, li dejjem mhijiex kariga

[1] Seduta tat-8 ta' Frar 2018

ezekuttiva. Qal li kien fl-2014 li inghata l-inkarigu ta' *Chairman* tat-Tribunal Industrijali.

Spjega li l-kariga ta' President ma kenitx kariga *full time,* u ma kienx jista' jiehu decizjonijiet u lanqas jippartecipa ad ezempju, f'xi *collective agreement.*

Fuq mistoqsija tal-Qorti qal li irrizenja ghal kollox meta imbaghad inhatar *Chairman* tat-Tribunal Industrijali, fis-sena 2014 ha l-gurament tal-kariga.

"*Ma rridx nghidlek, u nghidlek kwazi ghamilt meta tlaqt, ghamilt kwazi sentejn u nofs approximately lanqas nghaddi minn South Street minhabba n-nostalgija li kelli fi hdan l-*Union*. Jigifieri konnessjoni as such..."*

**In kontro-ezami**, mistoqsi jekk hu kienx involut fil-kaz ta' Gilbert Scerri kontra l-Freeport, jew jekk il-General Workers' Union kinitx ghamlet kuntatt mieghu, rigward il-kaz ta' Gilbert Scerri qal li le, u sar jaf bih biss mill-okkju tal-kaz li gie quddiemu. Mistoqsi jekk bhala *Chairman* tat-Tribunal Industrijali jekk l-avukati tal-General Workers' Union qattx dehru quddiemu f'kazijiet, qal li f'diversi kazijiet differenti dehru, izda dejjem segwa l-prassi li titlob dik il-kariga, u ma kienx isaqsi jekk min ikunu qed jirraprezentaw ikunx referut mill-Union, jew jekk ikunux klijenti privati.

**Gilbert Scerri** xehed (fol 40-41)[2] u qal li hu membru tal-General Workers' Union, izda qal li lic-*Chairman* tat-

[2] Seduta tal-15 ta' Mejju 2018

Tribunal Industrijali James Pearsall ma jafux, u qatt ma kellmu, u lanqas wicc il-persuna ta' James Pearsall ma jaf.

**In kontro-ezami** hu kkonferma li elenka numru ta' ufficjali tal-General Workers' Union biex jitilghu jixhdu.

**ECCEZZJONIJIET SOLLEVATI :**

**L-Ewwel Eccezzjoni - Integrita' tal-Gudizzju**

Din l-eccezzjoni giet sorvolata bis-sejha fil-kawza ta' Gilbert Scerri. Ghaldaqstant il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni aktar tal-istess.

**L-Intempestivita' tal-Azzjoni - It-Tieni, it-Tielet u r-Raba' Eccezzjonijiet tal-Avukat Generali u l-Ewwel Eccezzjoni tal-Kjamat fil-Kawza**

Illi l-Avukat Generali eccipixxa l-intempestivita' tat-talbiet odjerni fil-kuntest **tal-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni** u **tal-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni** billi jissottometti li hu pacifiku fil-gurisprudenza taghna li l-Qorti tinvestiga l-proceduri fl-assjem taghhom. Gilbert Scerri zied jghid li jezisti dritt ta' appell lill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) inkluz mid-digriet ta' cahda tat-talba tar-rikuza.

Inoltre gie sottomess mill-Avukat Generali li r-rimedju tal-appell spettanti lir-rikorrenti jinnewtralizza kull bizgha jew preokkupazzjoni li jistgha jkollha.

Izda jirrizulta manifest minn qari tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta[3], u dan hu wkoll senjalat mir-rikorrenti, li, f'kazijiet ta' tkeccija minghajr kawza gusta, mhuwiex koncess dritt ta' appell fuq punt ta' fatt imma fuq punt ta' ligi biss. **L-Artikolu 82(3) tal-Kap 452** huwa car f'dan is-sens u ma jippermettix eccezzjonijiet. Is-socjeta' rikorrenti issottomettiet fin-nota taghha li l-pern tal-lanjanza jinvolvi l-piz li jinghata lix-xhieda mit-Tribunal specjalment il-kredibilita' taghhom. L-element soggettiv tac-Chairperson jista' jiddetermina d-decizjoni finali tieghu dwar l-kredibilita' tax-xhieda. Dawn huma kwistjonijiet prettament ta' fatt u li dwarhom ma hemmx appell.

Hawnhekk il-Qorti taqbel mas-sottomissjonijiet tal-Avukat Generali fejn jishaq li l-Qorti tal-Appell (Inf.) edotta minn appell mit-Tribunal, tista' tistharreg ilmenti marbutin ma' ksur tal-principji tal-gustizzja naturali u jiccita anke referenzi fir-rigward.[4] Madanakollu r-rikorrenti odjerna titkellem dwar ben altru. Il-kwistjoni li tnaqqas mis-serhan tal-mohh tirrigwarda l-bilanc li jrid jaghmel gudikant bejn xhud u iehor, biex japprezza l-kredibilita' ta' xhud, u hawnhekk, skont ir-rikorrenti, ir-rabtiet mill-qrib li kellu ic-

[3] L-Att Dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali.

[4] Ad ezempju fil-kaz ***Design Elements Limited vs. Francis Busuttil & Sons (Marketing) Limited*** (Ċit Nru 1284/2005/1 PS) deċiż mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fit-8 ta' Ġunju 2006 gie ribadit:
"*Gie bosta drabi enuncjat mill-Qrati taghna illi "meta sentenza tigi moghtija bi vjolazzjoni tal-principji ta' gustizzja naturali, dik is-sentenza hija nulla u fost dawn il-principji hemm dak importantissimu audi alteram partem" (**Kollez. Vol. XXXV P I p 514**). U gie ritenut ukoll fil-kawza "**Markiz Anthony Cassar Desain et -vs Giovanni Pace nomine**", (**Kollez. Vol. XLVIII P I p 509**) illi l-principju suddett ma jkunx gie osservat meta kawza tkun inqatghet fil-mertu "bla ma jidher illi dwar dan il-mertu l-appellant kien ghadu ezawrixxa l-prova tieghu jew kellu l-opportunita` li jissottometti l-argumenti tieghu oralment.*"

*Chairman* mal-GWU jistghu jinfluwenzawh bi pregudizzju ghad-drittijiet li ghandha ghas-smigh xieraq, marbutin mal-fattur inkonfutat li kien jimmilita ghal bosta snin fi hdan il-GWU.

Li ghandha tapprezza din il-Qorti huwa jekk tali mankanza ta' dan is-serhan tal-mohh fir-rikorrenti hijiex ikkorroborata minn provi bizzejjed li jiggustifikaw oggettivament ir-rikuza tal-aggudikant.

**Intempestivita'**

Illi ghal dak li jirrigwarda l-intempesitiva', taqbel mal-Avukat Generali li, kif gie ritenut mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz **Victor Lanzon et v Kummissarju tal-Pulizija** (Q. Kost. dec.fid-29 ta' Novembru 2004). "*Huwa principju accettat kemm fil-gurisprudenza ta' Strasbourg*[5] *kif ukoll f'dik ta' din il-Qorti*[6] *li, biex wiehed jiddeciedi jekk kienx hemm nuqqas ta' smigh xieraq wiehed irid jara u jezamina l-procedura*

[5]"*In contrast with the other more precise guarantees in Article 6(1), this right to a 'fair hearing' has an open-ended, residual quality. It provides an opportunity both for adding other specific rights not listed in Article 6 that are considered essential to a 'fair hearing' and for deciding whether a 'fair hearing' has occurred on the particular facts of a given case <u>when the proceedings are looked at as a whole.</u> In criminal cases, it has to be read together with the specific guarantees in Articles 6(2) and (3). Whereas the latter are subsumed within the former, the general guarantee of a fair hearing in Article 6(1) has elements that supplement those specified in Articles 6(2) and (3)." : Harris D.J., O'Boyle M. & Warbrick C., Law of the European Convention on Human Rights Butterworths (London), 1995, p. 202, sottolinear ta' din il-Qorti. Hekk ukoll, Alastair Mowbray, fil-ktieb tieghu Cases and Materials on the European Convention on Human Rights Butterworths (London), 2001 jghid hekk: "When determining if there has been a breach of the right to a fair hearing the court makes an evaluation of the fairness of the entire domestic proceedings…This approach also enables the Court to consider whether defects in first instance proceedings have been rectified by subsequent appellate hearings…" p. 305.*

[6]Ara, ad ezempju, **Dr. Lawrence Pullicino v. Onor. Prim Ministru u l-Avukat Generali tar-Repubblika Qorti Kostituzzjonali, 18/8/1998** *: "Din il-Qorti hi tal-fehma illi meta jsir l-ezercizzju msemmi, m'hemmx dubbju li l-procedura kollha fil-kumpless taghha, fil-konfront tar-rikorrent, fid-diversi qrati u fid-diversi stadji, kienet gusta…" Kollezz. Vol. LXXXII.i.158, a pagna 225.*

*gudizzjarja kollha kemm hi fit-totalita` taghha*. " (Ara wkoll ad. ezempju l-kaz **Van Mechelen and Others v. The Netherlands**, dec. 23 April 1997 – para. 50).

Izda il-gurisprudenza assodata kemm tal-Qrati taghna kif ukoll tal-Qorti Ewropea ma tieqafx hemm. Kontrarjament ghal dak sottomess mill-intimati, l-artikoli 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni ma jimpedux lill-Qorti milli tinvestiga allegat ksur (attwali jew potenzjali) anke fil-pendenza tal-proceduri quddiem it-Tribunal jew Qorti li qed tisma' l-kawza.

Hawn jigi senjalat li skont il-Kostituzzjoni kif ukoll skont il-Konvenzjoni Ewropea kif addottata fl-ordinament guridiku taghna permezz tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta, kull persuna tista' tfittex harsien fejn id-drittijiet u l-libertajiet fondamentali tieghu/taghha mhux biss qed jigu miksura imma anke jekk *x'aktarx ser jigu miksura*. (**art.46(1) tal-Kostituzzjoni u 4(1) tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta).**

Illi fil-kaz **Arrigo and Vella v Malta**[7] gie ritenut:

*"The Court recalls that the question whether or not court proceedings satisfy the requirements of Article 6 § 1 of the Convention can only be determined by examining the proceedings as a whole, i.e. once they have been concluded. However, it is not impossible that a particular procedural element could be so decisive that the fairness*

[7] 10 ta' Mejju 2005 - ECtHR - "FOURTH SECTION DECISION AS TO THE ADMISSIBILITY OF Application no. 6569/04by Noel ARRIGO and Patrick VELLA against Malta."

*of the proceedings could be determined at an earlier stage (see R.D. v. Spain, no. 15921/89, Commission decision of 1 July 1991, Decisions and Reports (DR) 71, pp. 236, 243-244). The Court, noting that the criminal proceedings in question have not yet been completed, finds that the applicants' submissions do not disclose any such circumstances (see Putz v. Austria, no. 18892/91, Commission decision of 3 December 1993, DR 76-A, pp. 51, 64).*

Illi fil-kaz **Dimech v Malta**[8] **deciz fit-2 ta' April 2015,** fejn il-Qorti Ewropea tenniet :

"*1. The Court notes that according to its constant case-law the question whether or not court proceedings satisfy the requirements of Article 6 § 1 of the Convention can only be determined by examining the proceedings as a whole, that is, once they have been concluded. However, the Convention organs have also held that it is not impossible that a particular procedural element could be so decisive that the fairness of the proceedings could be determined at an earlier stage (see, inter alia, X. v. Norway*, Commission decision of 4 July 1978, Decisions and Reports (DR) *14, p. 228; Bricmont v. Belgium, 7 July 1989, Series A no. 158; Papadopoulos v. Greece, (dec.), no. 52848/99, 29 November 2001; Arrigo and Vella v. Malta (dec.), no. 6569/04, 10 May 2005 and Pace v. Malta (dec.), no. 30651/03, 8 December 2005."*

---

[8]*Application no. 34373/13.*

Kif tikteb Karen Reid fil-ktieb "**A Practitioner`s Guide to the European Convention on Human Rights**", 3rd Edition page 70:

*"While the conformity of a trial with the requirements of Article 6 must be assessed on the basis of the trial as a whole, a particular incident may assume such importance as to constitute a decisive factor in the general appraisal of the trial overall".*

Anke l-ligi ordinarja, permezz tal-**artikolu 739 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta** tiddisponi li talba ghar-rikuza tal-gudikant sedenti tista' ssir jew *in limine* jew malli tinqala' r-raguni ghar-rikuza. Dan juri li l-legislatur, anke fi procedimenti quddiem il-Qrati ta' kompetenza ordinarja, qed jaghti d-dritt lil dak li jkun li jaghmel din it-talba anke qabel ma tispicca l-kawza, purke' ma jirrinunzjax ghaliha.

Il-gurisprudenza tal-Qrati taghna hija mizghuda b'ezempji fejn il-Qrati kellhom jikkonsidraw ic-cahda ta' talba ghar-rikuza fi stadju bikri tal-proceduri f'sede kostituzzjonali fil-kuntest tad-dritt ghas-smigh xieraq (ara ad. ez. **Lawrence Grech et v Avukat Generali et - Q.K. 7.03.2017; Vella and Arrigo v Malta** fuq citat; **L-On. Imhallef Dottor Anton Depasquale v Avukat Generali - Q.K. 5.10.2001 -** pendenti l-istadju tal-Appell; **L-Imh. Dottor Carmelo sive Lino Farrugia Sacco v L-On. Prim Ministru et** - QK 27/01/2014; **l-E.T. Rev. Mons. Arcisqof Giuseppe Mercieca pro. et. noe v l-On. Prim Ministru noe et** -QK -

27.9.1984, u **Lawrence Grech et v l-Avukat Generali et QK - 37/2015**).

Il-kwistjoni li trid tindirizza din il-Qorti hija jekk fil-kaz odjern, jezistux dawk ic-cirkostanzi tali li jimmeritaw konsiderazzjoni minnkejja li l-proceduri kienu ghadhom kemm jitwieldu.

Fil-fehma ta' din il-Qorti c-cirkostanzi partikolari tal-kaz jimmeritaw li din il-Qorti tkompli tisma' l-kaz proprju ghaliex ir-rikorrent qed jsostni li l-gudikant, f'dan il-kaz, ic-Chairperson tat-Tribunal Industrijali, ghad ghandu rabtiet, jew l-apparenza ta' rabtiet, mal-General Workers' Union li jista' jimpedixxi s-smigh xieraq bi hsara u pregudizzju ghalih.

Ikkonsidrat li l-imparzjalita' ta' gudikant huwa aspett kritiku tas-saltna tad-dritt (*rule of law)* u r-ragunijiet dedotti mir-rikorrenti huma serji bizzejjed biex jaghtu lok ghall-investigazzjoni aktar approfondita fil-mertu, fosthom, u b'mod partikolari, ir-rabtiet li kellu u li jista' jkollu l-aggudikant, mal-GWU, fic-cirkostanzi kollha ta' dan il-kaz.

Illi l-Qorti qed tikkonsidra f'dan l-isfond l-eccezzjoni tal-intimat li c-cahda tar-rikuza mhix wahidha determinanti biex turi li l-aggudikant huwa mqaxleb lejn il-parti l-ohra. Izda l-kaz odjern mhuwiex ristrett biss ghall-konsiderazzjoni tad-digriet ta' cahda, billi jistrieh fuq fatturi ohra.

Fid-dawl tal-premess, din il-Qorti hi tal-fehma li ghandha tichad l-eccezzjoni tal-intempestivita' billi l-kwistjoni tal-imparzjalita' tac-*Chairman* tat-tribunal ghandha tigi rizolta *in limine* u mhux posposta.

Ghaldastant tichad **It-Tieni, it-Tielet u r-Raba' Eccezzjonijiet tal-Avukat Generali u l-Ewwel Eccezzjoni tal-Kjamat fil-Kawza.**

**Talba Frivola** - **It-Tieni Eccezzjoni tal-Kjamat fil-kawza.**

Gilbert Scerri interpona din l-eccezzjoni b'referenza ghall-mertu tal-kaz. Madanakollu din il-Qorti gja ddecidiet li ser tkompli tisma' l-kaz, u kwindi, jsegwi li mhix qed tikkonsidra t-talba bhala wahda frivola.

Ghaldaqstant tichad it-tieni eccezzjoni ta' Gilbert Scerri .

**Fil-Mertu**

Illi **l-art.39 (2) tal-Kostituzzjoni** jiddisponi li "*Kull qorti jew awtorità oħra ġudikanti mwaqqfa b'liġi għad-deċiżjoni dwar l-eżistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi ċivili <u>għandha tkun indipendenti u imparzjali</u>; u meta l-proċeduri għal deċiżjoni bħal dik huma mibdija minn xi persuna quddiem qorti jew awtorità oħra ġudikanti bħal dik, il-każ għandu jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli.*"

**Ukoll fl-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea** "*Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta' xi*

*akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa ntitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn* *tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi....*" (sottolinear ta' din il-Qorti.)

Illi huwa principju assodat li *"Is-sistema Maltija hija fondata fuq il-premessa li 'il giudice non si presume ne' parziale ne'corrotto". (***Farrugia Sacco v Prim Minstru sucitat).**

Ikkonsidrat li hu dmir ta' gudikant li jiddeciedi kawza u mhux xi vantagg jew privilegg. Jekk ikun hemm vantagg jew privilegg, dan hu li jirrendi l-gudikant parti fil-kawza. La huwa mhux ser jirbah u mhux ser jitlef billi jkun jew ma jkunx jaghmel parti minn tribunal, m'ghandu ebda interess personali jekk ikomplix jisma' l-kawza jew jastjeni ruhu.

Illi ghal dak li jirrigwarda l-applikazzjoni tal-**Artikolu 734 tal-Kap 12,** il-kuncett ta' imparzjalita' fil-gurisprudenza u fid-dottrina konvenzjonali ghandha tifsira awtonoma, ben spjegata u applikata mill-Qrati nostrali u mill-Qorti ta' Strasbourg.

Hawnhekk issir referenza ghall-kawza kostituzzjonali fl-ismijiet **Sandro Chetcuti vs Avukat Generali et** (12/07/2005) qalet hekk: "*Anke jekk skont id-disposizzjonijiet relattivi tal-Kap. 12 ma hemmx lok ghall-rikuza - anzi jista' jkun hemm divjiet ta' astensjoni - izda tista' tinholoq sitwazzjoni fejn ikun hemm kuntrast mad-drittijiet fundamentali u kostituzzjonali ta' l-individwu bil-konsegwenza li dawn ta' l-ahhar ghandhom jipprevalu fuq*

*id-disposizzjonijiet l-ohra tal-ligi ordinarja." (ara sentenzi Qorti Kostituzzjonali* ***Sant vs Kummissarju tal-Pulizija*** *2/4/90****; Cachia vs Onor. Prim Ministru et 10/10/91; Bugeja et vs Onor. Prim Ministru noe et*** *17/6/94 u PA (Sede Kostituzzjonali)* ***Ghirxi vs Onor. Prim Ministru et*** *1/11/96). Kwindi anke jekk jista' ma jkunx hemm lok ta' rikuza a bazi tal-artikolu 734 tal-Kap. 12 ma jfissirx b'daqshekk illi l-kwistjoni tinghalaq hawn ghax l-imparzjalita` ta' gudikant hi wahda mis-salvagwardji tad-dritt ta' smigh xieraq u kwindi jekk il-ligi generali ma tipprovdix rimedju fejn misthoqq, l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Kap. 319 jistghu jigu invokati biex jekk hu misthoqq jinghata rrimedju opportun."* Dan ser jerga' jigi trattat iktar 'il quddiem.

Illi hekk kif gie stabbilit mill-Qrati taghna li:

"*Anke jekk skont id-disposizzjonijiet relattivi tal-Kap 12 ma hemmx lok ghal rikuza - anzi jista' jkun hemm divjiet ta' astensjoni - izda tista' tinholoq sitwazzjoni fejn ikun hemm kuntrast mad-drittijiet fundamentali u kostituzzjonalita' tal-individwu bil-konsegwenza li dawn ta' l-ahhar ghandhom jipprevalu fuq id-disposizzjonijiet l-ohra tal-ligi ordinarja."* (ara sentenzi Qorti Kostituzzjonali **Sant vs Kummissarju tal-Pulizija** 2/4/90; **Cachia vs Onor. Prim Ministru et** 10/10/91; **Bugeja et vs Onor. Prim Ministru noe et** 17/6/94 u PA (Sede Kostituzzjonali) **Ghirxi vs Onor. Prim Ministru et** 1/11/96).

*"….Indipendentement mill-fatt jekk ic-cirkostanzi kinux tali li kienu jintitolaw lill-parti li titlob ir-rikuza tal-gudikant skont il-*

*ligijiet ta' procedura. Il-parametri ta' dawk il-ligijiet ghandhom jitqiesu li twessghu bil-provvedimenti tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropea li jiggarantixxu s-smigh xieraq. Irid ghalhekk jigu interpretati fl-ispirtu taghhom u fid-dawl tal-principji enuncjati fil-gurisprudenza tal-Qorti u tal-Kummissjoni Ewropea."* (**Dr. A. Mifsud vs On. Prim Ministru et** -17 ta' Lulju 1996 (Kost)).

Din il-Qorti taqbel u tagħraf li tabilħaqq ir-raġunijiet li għalihom ġudikant jista' jiġi rikużat milli jkompli jisma' kawża m'humiex biss dawk li l-liġi nnifisha ssemmi[9] u, f'każijiet eċċezzjonali, jista' ikun hemm raġunijiet oħrajn serji li jwasslu bħala xierqa ghal tali astensjoni jew rikuża[10]. L-istitut tar-rikuża jew tal-astensjoni huwa maħsub biex iħares l-aħjar interessi tal-ġustizzja, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda l-jedd ta' smigħ xieraq b'mod imparzjali[11] u kif ukoll it-tisħiħ tal-fiduċja pubblika fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja[12]. Dan il-prinċipju jsib applikazzjoni akbar fil-qafas ta' kawża ta' natura kostituzzjonali[13].

## Tribunal jew Qorti Imparzjali

Sabiex jigi determinat jekk id-dritt ghas-smigh xieraq gie lez, jew x'aktarx jista' jigi lez: "*Il-Qorti ghalhekk trid tezamina jekk fil-konkret, u mhux fl-astratt, jistax jinghad li hemm jew jista' jkun hemm "bias" fil-gudikant li jirrendi l-*

[9] Referenza ghall-Art 734 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta

[10] Ara, per eżempju, Kost. **18.2.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Il-Pulizija (Spettur Norbert Ċiappara) vs Joseph Lebrun***

[11] P.A. GV **28.1.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Gambina vs Fithome Ltd***

[12] Kost. **27.9.1984** fil-kawża fl-ismijiet ***Merċieca pro et noe vs L-Onor. Prim Ministru noe et*** (Kollez. Vol: **LXVIII.i.40**)

[13] P.A. (Kost.) VDG **6.10.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr Alfred Mifsud vs Onor. Prim Ministru et*** (mhix pubblikata)

*operat tieghu soggettivament jew oggettivament parzjali. L-aforisma "justice must not only be done but must be seen to be done" trid tigi valutata fl-isfond tal-kaz partikolari."* [PA (Sede Kostituzzjonali) **Ghirxi vs Onor.Prim Ministru et** 1/11/96; ara wkoll E. T. **Rev. Mons. Arcisqof G. Mercieca pro et vs Onor. Prim' Ministru noe** et 22/10/1984 Kost.).

L-awturi **Van Dijk Van Hoof u Van Rijn** fil-ktieb "*Theory and Practice of the European Convention on Human Rights*" (4th ed) isostnu wkoll[14]:

*"The adjectives 'independent' and 'impartial' are the expression of two different concepts. The notion of 'independence' refers to the lack of any connection between the tribunal and other parts of government, whereas the 'impartiality must exist in relation to the parties to the suit and the case at issue. However, the Court has not always drawn a clear borderline between the two concepts, and often considers both concepts together."*

L-istess awturi ikomplu:

*"For impartiality it is required that the court is not biased with regard to the decision to be taken, does not allow itself to be influenced by information from outside the court room, by popular feeling, or by any pressure whatsoever, but bases its opinion on objective arguments on the ground of what has been forward at the trial."*

---

[14]P.613

**Imparzjalita' Soggettiva jew Oggettiva**

Il-Qorti Ewropea fis-sentenza **"Hauschildt vs Denmark"** (1989) fissret ir-rekwiziti hekk:

*"46. The existence of impartiality for the purposes of Article 6 para. 1 (art. 6-1) must be determined according to a subjective test, that is on the basis of the personal conviction of a particular judge in a given case, and also according to an objective test, that is ascertaining whether the judge offered guarantees sufficient to exclude any legitimate doubt in this respect (see, amongst other authorities, the* ***De Cubber*** *judgment of 26 October 1984, Series A no. 86, pp. 13-14, para. 24).*

*47. As to the subjective test, the applicant has not alleged, either before the Commission or before the Court, that the judges concerned acted with personal bias. In any event, <u>the personal impartiality of a judge must be presumed until there is proof</u> to the contrary and in the present case there is no such proof.* (sottolinear ta' din il-Qorti.

*There thus remains the application of the objective test.*

*48. Under the objective test, it must be determined whether, quite apart from the judge's personal conduct, there are ascertainable facts which may raise doubts as to his impartiality. In this respect even appearances may be of a certain importance. What is at stake is the confidence*

*which the courts in a democratic society must inspire in the public and above all, as far as criminal proceedings are concerned, in the accused. Accordingly, any judge in respect of whom there is a legitimate reason to fear a lack of impartiality must withdraw (see, mutatis mutandis, the* ***De Cubber*** *judgment previously cited, Series A no. 86, p. 14, para. 26).*

*This implies that in deciding whether in a given case there is a legitimate reason to fear that a particular judge lacks impartiality, the standpoint of the accused is important but not decisive (see the* ***Piersack*** *judgment of 1 October 1982, Series A no. 53, p. 16, para. 31). What is decisive is whether this fear can be held objectively justified."*

Inoltre, kif fuq premess: "*Personal impartiality is to be presumed until there is proof to the contrary*." **(Le Compte, Van Leuven and De Meyere v Belgium (1983).**

Illi l-Qorti Ewropea fil-kaz ta' **Kyprianou v Cyprus**[15] **kompliet tfisser dawn l-elementi:**

**"***2. An analysis of the Court's case-law discloses two possible situations in which the question of a lack of judicial impartiality arises. The first is functional in nature: where the judge's personal conduct is not at all impugned, but where, for instance, the exercise of different functions within the judicial process by the same person (see Piersack, cited above), or hierarchical or other links with*

[15] 15/12/2005 Application no. 73797/01..

*another actor in the proceedings (see court martial cases, for example,* ***Grieves,*** *cited above, and* ***Miller and Others v. the United Kingdom,*** *nos. 45825/99, 45826/99 and 45827/99, 26 October 2004), objectively justify misgivings as to the impartiality of the tribunal, which thus fails to meet the Convention standard under the objective test (see paragraph 118 above). The second is of a personal character and derives from the conduct of the judges in a given case. In terms of the objective test, such conduct may be sufficient to ground legitimate and objectively justified apprehensions as in* ***Buscemi****, cited above, but it may also be of such a nature as to raise an issue under the subjective test (see, for example,* ***Lavents****, cited above) and even disclose personal bias. In this context, therefore, whether a case falls to be dealt with under one test or the other, or both, will depend on the particular facts of the contested conduct."*

Il-Qorti Ewropea (GC) fil-kaz **Micallef v Malta**[16] kompliet tapprofondixxi t-testijiet ta' soggettivita' u oggettivita**:**

**"**3. *As to the subjective test, the principle that a tribunal shall be presumed to be free of personal prejudice or partiality is long-established in the case-law of the Court (see, for example,* ***Kyprianou v. Cyprus*** *[GC], no. 73797/01, § 119, ECHR 2005-XIII). The Court has held that the personal impartiality of a judge must be presumed until there is proof to the contrary (see Wettstein, cited*

[16] 15/10/2009 *(Application no. 17056/06)*

*above, § 43). As regards the type of proof required, the Court has, for example, sought to ascertain whether a judge has displayed hostility or ill will for personal reasons* (see ***De Cubber v Belgium***, 26 October 1984, § 25, Series A no. 86).

*4. In the vast majority of cases raising impartiality issues the Court has focused on the objective test. However, there is no watertight division between subjective and objective impartiality since the conduct of a judge may not only prompt objectively held misgivings as to impartiality from the point of view of the external observer (objective test) but may also go to the issue of his or her personal conviction (subjective test) (see Kyprianou, cited above, § 119). Thus, in some cases where it may be difficult to procure evidence with which to rebut the presumption of the judge's subjective impartiality, the requirement of objective impartiality provides a further important guarantee (see* ***Pullar v. the United Kingdom****, 10 June 1996, § 32, Reports 1996-III).*

*5. As to the objective test, it must be determined whether, quite apart from the judge's conduct, there are ascertainable facts which may raise doubts as to his impartiality. This implies that, in deciding whether in a given case there is a legitimate reason to fear that a particular judge or a body sitting as a bench lacks impartiality, the standpoint of the person concerned is important but not decisive. What is decisive is whether this fear can be held to be objectively justified (see* ***Wettstein,***

*cited above, § 44, and* ***Ferrantelli and Santangelo v. Italy****, 7 August 1996, § 58, Reports 1996-III).*

*6. The objective test mostly concerns hierarchical or other links between the judge and other actors in the proceedings (see court martial cases, for example,* ***Miller and Others v. the United Kingdom,*** *nos. 45825/99, 45826/99 and 45827/99, 26 October 2004; see also cases regarding the dual role of a judge, for example,* ***Mežnarić v. Croatia,*** *no. 71615/01, 15 July 2005, § 36, and* ***Wettstein,*** *cited above, § 47, where the lawyer representing the applicant's opponents subsequently judged the applicant in a single set of proceedings and overlapping proceedings respectively) which objectively justify misgivings as to the impartiality of the tribunal, and thus fail to meet the Convention standard under the objective test (see* ***Kyprianou,*** *cited above, § 121). It must therefore be decided in each individual case whether the relationship in question is of such a nature and degree as to indicate a lack of impartiality on the part of the tribunal (see Pullar, cited above, § 38).*

*7. In this respect even appearances may be of a certain importance or, in other words, "justice must not only be done, it must also be seen to be done" (see* ***De Cubber,*** *cited above, § 26). What is at stake is the confidence which the courts in a democratic society must inspire in the public. Thus, any judge in respect of whom there is a legitimate reason to fear a lack of impartiality must withdraw (see* ***Castillo Algar v. Spain****, 28 October 1998,*

*§ 45, Reports 1998-VIII)." (Ara f'dan l-istes sens* **Hauschildt vs Denmark”** (1989) citat *supra).*

Illi fil-kaz **Lawrence Grech et v Avukat Generali et- QK - 7 ta' Marzu 2017** gie ritenut hekk:

"*Lanqas ma hu minnu li, għax ġudikant igħix it-twemmin tiegħu “pubblikament u b’parteċipazzjoni attiva”, b’hekk “jinħolqu ċirkostanzi dubbjużi”; ġudikant mhux bilfors ikollu jgħix it-twemmin tiegħu fil-katakombi biex jitqies oġġettivament imparzjali."*

Dwar l-ezistenza tal-apparenza tal-imparzjalita`, l-Qorti kompliet*:*

*"13. L-apparenzi wkoll jistgħu jkunu konsiderazzjonijiet oġġettivi li joħolqu dubji. Ukoll jekk ma hemmx rabtiet ġerarkiċi bejn ġudikant u parti fil-kawża, jekk l-apparenzi huma hekk li persuna raġonevoli tista’ wkoll mingħajr wisq tiġbid jagħtu x’taħseb li hemm dawk ir-rabtiet, id-dubju ta’ dik il-persuna dwar l-imparzjalità tal-ġudikant jista’ jkun dubju oġġettivament ġustifikat.*

*14. Fejn jeżistu dubji bħal dan, ikun fl-interess mhux biss tal-parti li oġġettivament tara raġunijiet ta’ parzjalità kontriha li l-ġudikant ma jkomplix jisma’ l-każ; ikun ukoll fl-interess tal-parti l-oħra għaliex il-ġudikant jista’, biex jegħleb kull dubju dwar l-imparzjalità tiegħu ixaqleb, imqar inkonxjament favur l-parti l-oħra.*

*15. Il-kwistjoni issa hi jekk fil-każ tallum hemmx raġunijiet oġġettivi li f'osservatur raġonevoli u imparzjali jistgħu joħolqu dehra ta' rabtiet bejn ġudikant u parti f'kawża hekk li tiddgħajjef il-fiduċja fl-imparzjalità ta' dak il-ġudikant".*

**Sottomissjonijiet tal-Partijiet**

Illi mis-sottomissjonijiet taghha, jirrizulta li s-socjeta' rikorrenti qed taddebita anke parzjalita' soggettiva lill-*Chairman,* u mhux biss parzjalita' oggettiva, marbuta mal-fatt li ghal bosta snin kien okkupa karigi l-aktar gholjin fi hdan il-GWU, bhala President tal-GWU u sussegwentement bhala President ta' taqsima importanti tal-union. Targumenta li persuna li sahansitra tela' fil-quccata tal-gerarkija tal-GWU jista' jixxaqleb, jew almenu ihares b'ghajn iktar beninja lejn il-GWU u dawk kollha marbuta mal-Union.

Marbut ma' dan hija l-konsiderazzjoni legali li appell mid-decizjoni tat-Tribunal Industrijali hija permissibbli, mhux ukoll fuq l-apprezzament fattwali tal-gudikant, imma fuq punti ta' Ligi biss[17] kif gja kkonsidrat *ante.* Id-difensur tar-rikorrenti jargumenta li ghalhekk lanqas tezisti l-possibilita' ta' stharrig tad-decizjoni tac-*Chairman* fuq l-apprezzament li jaghmel tal-provi prodotti.

Gie sottomess li l-gudikanti fit-Tribunal Industrijali huma lajci, m'ghandhomx *security of tenure* li jgawdu l-Imhallfin u

[17] Art 82(3) tal-Kap 452.

Magistrati u mhumiex tenuti li josservaw il-Kodici ta' Etika tal-Gudikatura.

L-Avukat Generali rribatta li ma saret l-ebda allegazzjoni ta' parzjalita' soggettiva u din ma tirrizultax ippruvata. L-imparzjalita' tal-gudikant hija prezunta sakemm ma jigix ippruvat il-kontrarju, li mhuwiex il-kaz odjern. Inoltre il-fatt li t-talba ghar-rikuza giet michuda ma jfissirx li b'hekk ic-*chairperson* kien imparzjali. Irribatta li l-artikolu 73(6)(c) tal-Kap 452 jistabilixxi l-kwalifiki li ghandhom ikollhom persuni biex jinhatru bhala *Chairpersons* tat-Tribunal, u l-fatt li persuna kienet membru ta' xi Union ma jeskludihx mill-hatra. Inoltre l-gurament tal-hatra u dak li jipprovdi l-artikolu 73(1)(c) (sic 73 (10)(c)) tal-Kap 452 joffru garanziji xierqa favur l-imparzjalita.

Dan l-artikolu jiddisponi:

"**73(10)(ċ)** *Iċ-chairpersons u l-membri tat-Tribunal għandhom qabel ma jibda jinstema' kull każ jiddikjaraw lis-Segretarju tat-Tribunal kull interess illi huma jista' jkollhom fil-proċeduri u s-Segretarju għandu, meta fil-fehma tiegħu dak l-interess ikun jista' jippreġudika l-indipendenza taċ-chairperson jew tal-membru konċernat, jaħtar chairperson jew membru ieħor skont il-listi msemmija fis-subartikoli (2) u (3) rispettivament......".*

*Iżda xejn f'dan il-paragrafu ma għandu jinftiehem bħala li jnaqqas id-dritt tal-partijiet f'każ quddiem it-Tribunal li jitolbu r-rikuża ta' xi chairperson jew ta' xi membru skont*

*id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 734 tal-Kodiċi ta'* Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att."[18]

Illi kemm l-Avukat Generali kif ukoll il-kjamat fil-kawza eccipew li dan l-artikolu joffri garanzija tal-imparzjalita` u dan permezz tal-hames u tat-tielet eccezzjonijiet rispettivament. Dan l-artikolu jimponi obbligu fuq l-aggudikant li jiddikjara l-interess tieghu u jastjeni milli jiehu konjizzjoni tal-kaz. Izda ma hemm xejn li jindika kemm hi wiesgha din id-diskrezzjoni, jew jekk hix limitata biss ghar-ragunijiet dedotti fl-artikolu 734 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi fil-kaz odjern xejn fl-atti ma jindika li c-*Chairperson* hass il-htiega li jaghmel dikjarazzjoni simili, la lis-Segretarju tat-Tribunal u wisq inqas lill-partijiet. Mhux biss, imma cahad it-talba ghar-rikuza maghmula mir-rikorrenti odjerna abbazi tal-kriterji stabbiliti fl-artikolu 734 tal-Kap 12 senjatament, kif espress fid-digriet:

*"Dan it-Tribunal ra u fela b'attenzjoni l-Artikli minn 733 sa 740 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta......".*

Ghaldaqstant ghalkemm dan l-artikolu joffri xi forma ta' garanzija, mhix wahidha bizzejjed biex tassigura dik l-imparzjalita' oggettiva li hija wahda mill-elementi sostantivi tad-dritt ghas-smigh xieraq.

[18] Skont l-artikolu 73(10)(d), imbaghad, il-ligi timponi obbligu fuq il-membri tat-Tribunal biex jagixxu b'indipendenza u imparzjalita.

Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, jirrizulta mill-atti s-segwenti fatti li baqghu inkontestati:

(i) Illi James H. Pearsall kien jokkupa l-kariga ta' President tal-General Workers' Union mill-1994 sal-2000 u President tat-Taqsima tas-Servizzi Pubblici bejn is-sena 2000 u s-sena 2005[19]. Inhatar *Chairman* tat-Tribunal fis-sena 2014.

(ii) Mid-Dikjarazzjoni tal-Kaz ta' Gilbert Scerri (pprezentat quddiem it-Tribunal Industrijali – liema process jinsab anness mal-process ta' din il-kawza) jirrizultaw is-segwenti fatti:

(a) L-avukat ta' Gilbert Scerri hija l-Av. Carina Testa u l-indirizz minnha indikat huwa "*GWU, Workers' Memorial Building, South Street, Valletta*"'
(b) Fil-'Lista tax-Xhieda", hemm numru ta' persuni li huma ufficjali tal-GWU – ara numri 3, 4 u 6.
(c) Gilbert Scerri huwa membru tal-GWU.[20]

Abbazi ta' dawn il-fatti ir-rikorrenti ssottomettiet is-segwenti argumenti:

"(a) *Tul is-snin, s-Sur Pearsall kellu rabtiet mal-GWU li wasslu biex huwa jkollu karigi gholjin f'din il-*Union, *sahansitra il-presidenza tal-*union*; dawn ir-rabtiet mhux facilment jigu maqtugha. Wara li spicca minn dawn il-karigi,*

[19] pp. 2 – 3 tat-traskrizzjoni tax-xhieda ta' James Pearsall fis-seduta tat-8/2/2018.
[20] P. 1 tat-traskrizzjoni tax-xhieda ta' Gilbert Scerri fis-seduta tal-15/5/2018.

*is-Sur Pearsall xehed li ghamel zmien "lanqas nghaddi minn South Street imhabba* <u>*nostalgija li kelli*</u> *fi hdan il-*union *imma."*[21] *– sottolinear tal-esponenti.*

*(b) L-avukat ta' Gilbert Scerri tindika l-indirizz tal-ufficju taghha bhala GWU, Workers' Memorial Building, South Street, Valletta – il-post fejn is-sur Pearsall kellu karigi gholja u fejn baqa nostalgiku; Gilbert Scerri huwa membru tal-GWU.*

*(c) Hemm numru ta' xhieda li huma indikati bhala ufficjali tal-GWU. Wara li jinstemghu l-provi kollha, il-gudikant irid jiddeciedi liema mill-verzjonijiet tal-partijiet hija l-aktar kredibbli. Kull xhud jista' u jrid jinghata hafna, ftit jew ebda kredibilita'. Certament mhux facli – anzi difficli hafna – illi wiehed jippretendi illi gudikant jiddikjara li ex-kollega tieghu mhux kredibbli."*

Min-naha l-ohra, is-Sur Pearsall, fix-xhieda tieghu, stqarr li kien irrizenja minn President tal-GWU fis-sena 2000 billi kien ufficjal pubbliku. Kien imbaghad inhatar president tat-Taqsima tas-Servizzi Pubblici. Iz-zewg karigi mhumiex ezekuttivi u ma kienx jippartecipa f'decizjonijiet. Qal li xogholu kien fis-servizz pubbliku fejn okkupa diversi karigi, bhal direttur u surmast. Qal ukoll li hall kull rabta mal-GWU meta inhatar *Chairman* tat-Tribunal. Issokta jghid li lill-Gilbert Scerri ma jafux u sar jaf bih biss mill-okkju tal-kaz li gie quddiemu. Mistoqsi jekk bhala *Chairman* tat-Tribunal

[21] P.2. tat-traskrizzjoni tax-xhieda ta' James Pearsall fis-seduta tat-8/2/2018.
4. *The European Convention on Human Rights*, p.269; ed: 2010.

Industrijali jekk l-avukati tal-General Workers' Union qattx dehru quddiemu f'kazijiet, qal li f'diversi kazijiet differenti dehru, izda dejjem segwa l-prassi li titlob dik il-kariga, u ma kienx isaqsi jekk min ikunu qed jirraprezentaw ikunx referut mill-Union, jew jekk ikunux klijenti privati. Gilbert Scerri wkoll ikkorrobora din l-istqarrija li ma kienx jaf lic-*Chairman* u li "*qatt ma kellmu u lanqas wicc il-persuna ta' James Pearsall ma jaf.*"

Is-Sur Pearsall xehed li meta fil-2014 inghata l-kariga ta' *Chairman* tat-Tribunal Industrijali ha l-gurament biex jaqdi dik il-funzjoni - u hekk ghamel.

Applikati l-principji legali fuq premessi ghall-fatti tal-kaz, il-Qorti tibda' biex tghid li l-fatti *per se* mhumiex ikkontestati, kif ukoll huwa accettat li dawn qed joholqu fir-rikorrenti biza' li mhix ser tinghata l-imparzjalita' kif garantita' fis-sistema guridika taghna. Mis-sottomissjonijiet tar-rikorrenti, din il-Qorti tifhem li ghandha tinvestiga mhux biss it-test tal-imparzjalita' oggettiva, imma anke dik soggettiva.

Kif inghad *ante,* bosta drabi l-linja bejn iz-zewg kejliet mhuwiex ben definit. Fil-fehma ta' din il-Qorti l-kwezit li ghandha taghmel huwa s-segwenti:

**Jekk l-istqarrija tas-Sur Pearsall dwar in-"*nostalgija*" li baqa' ihoss ghall-GWU, marbuta mal-karriera u mar-rabtiet li kellu mal-Union, fic-cirkostanzi kollha ta' dan il-kaz, iwasslux sabiex tiddgħajjef il-fiduċja fl-**

**imparzjalità ta' dak l-aġġudikant f'osservatur raġonevoli .**

Illi tibda biex tghid li ma jirrizultax li s-Sur Pearsall kellu xi konnessjonijiet ma Gilbert Scerri, jew mal-avukati tieghu, jew li qatt kellu kommunikazzjonijiet maghhom, flimkien jew individwalment, direttament jew indirettament. Lanqas jirrizulta li wera xi imgieba pregudizjevoli jew ostili a diskapitu tar-rikorrenti. Ma hemm xejn li jissuggerixxi li l-imgieba tieghu fil-ftit seduti li nzammu quddiemu kienu xejn hlief korretti.

Il-kaz tar-rikorrenti hija ppernjata kollha kemm hi fuq ir-rabtiet fil-passat li kellu s-Sur Pearsall u n-nostalgija li stqarr li baqa' ihoss ghall-Union anke wara l-hatra tieghu. Ir-rikorrenti tuza l-kelma "jimmilita" biex tiddeskrivi dawn ir-rabtiet. Din il-Qorti ma tghix f'*vacuum* u tifhem li biex wiehed jilhaq il-quccata tal-GWU irid ikollu l-fiducja mhux biss tal-membri, imma tal-istruttura gerarkika shiha tal-Union. Madanakollu r-rabtiet attivi li kellu spiccaw anke qabel ma inhatar bhala *Chairman* tat-Tribunal. Hu stqarr li hall kull rabta li kellu, u dan hu accettat mir-rikorrenti. Anke Gilbert Scerri xehed li ma kienx jaf ic-*Chairman* u ma tressqux provi ghal kuntrarju.

Din il-Qorti hija konxja li l-istqarrija, quasi *confessio* li ghamel ic-*Chairman* fuq mistoqsija taghha stess, hija inkwietanti ghar-rikorrenti. Precizament fuq mistoqsija tal-Qorti, qal li rrizenja ghal kollox mill-Union. Meta imbaghad

inhatar *Chairman* tat-Tribunal Industrijali fis-sena 2014 ha l-gurament tal-kariga u zied jghid:

"*Ma rridx nghidlek, u nghidlek kwazi ghamilt meta tlaqt, ghamilt kwazi sentejn u nofs approximately lanqas nghaddi minn South Street minhabba n-nostalgija li kelli fi hdan l-*Union*. Jigifieri konnessjoni as such...*"

Madanakollu, din in-*nostalgija* ma ssarrafx tabilforx f'atteggjament pregudizzjevoli fit-twettiq tad-dmirijiet tieghu bhala aggudikant fit-tribunal. Anke f'dan ir-rigward, lanqas tressqet il-minimu tal-prova li setghet turi xi *bias* favur kazijiet difizi mir-rapprezentanti tal-GWU, jew fejn wiehed mill-partijiet kien xi membru tal-Union.

Illi fil-kamp industrijali, wiehed jistenna li haddiem jew iehor ikun assistit mill-Union tieghu f'kazijiet li jitressqu quddiem it-Tribunal ghat-tkeccija ingusta. *Chairman* tat-Tribunal mhuwiex necessarjament Avukat, jew tabilfors ikollu esperjenza legali. F'dawn il-proceduri, izda, hija essenzjali li jkollu gharfien u esperjenza fir-relazzjonijiet industrijali u wiehed jistenna li uhud mic-*Chairmen* tat-Tribunal jintaghzlu anke abbazi tal-involviment taghhom kemm f'xi union tal-haddiema, jew anke billi kienu jiddefendu sahansitra xi *employer* quddiem it-tribunal.

Illi konsiderazzjoni li trid taghmel din il-Qorti hija riflessjoni fuq is-sitwazzjoni partikolari ta' Malta li hija gurisdizzjoni zghira, fejn in-nies jafu lil xulxin u fejn il-*pool* tar-rizorsi huwa limitat. Ghalhekk, (u dan it-thassib gie rifless ukoll

mill-Qorti Ewropea fil-kaz ta' **Nicholas v Cyprus** - dec fid-9 ta' Jannar 2018)[22] wiehed irid joqghod attent li ma jipparalizzax is-sistema li sallum jahdem sew.

Din il-Qorti, fil-kaz ta' **l-Avukat Dr Samuel Azzopardi vs L-Avukat Generali et 75-2016 deciz fl-4 ta' Lulju 2017** u kkonfermat mill-Qorti Kostituzzjonali kienet esprimiet ruhha hekk fejn il-gudikant kellha rabtiet politici qabel ma nhatret Magistrat:

*"Illi l-espressjoni ta' twemmin jew konvinzjoni politika qabel ma persuna tinhatar bhala gudikant fiha innifisha m'ghandhiex issarraf f'sejbien ta' pregudizzju da parti tal-istess gudikant jekk wiehed jew aktar mill-partijiet li jidhru fil-kawza huma ta' twemmin politiku differenti."*

Dan il-hsieb japplika, *mutatis mutandis,* ghall-kaz odjern u jehtieg li jitressqu xi provi rilevanti biex juru li dak it-twemmin jimmotiva l-aggudikant fis-smigh tal-kawzi bhal dan. Tali provi fil-kaz odjern, huma mankanti.

Illi r-rikorrenti taghmel enfasi fuq il-fatt li Gilbert Scerri huwa membru tal-Union, li l-avukati tieghu ghandhom l-ufficcju taghhom fil-kwartieri generali tal-Union, u li bosta mix-xhieda huma ufficjali tal-Union. Fir-realta', wiehed jistenna li

---

[22] "**Error! Main Document Only.**. *It cannot be overlooked that Cyprus is a small country, with smaller firms and a smaller number of judges than larger jurisdictions; therefore, this situation is likely to arise more often (see, mutandis mutandis, Biagioli v. San Marino (dec.), no. 8162/13, § 80, 8 July 2014, and Micallef, cited above, § 102; compare Ramljak, cited above, § 39). The Court has observed in its case-law that complaints alleging bias should not be capable of paralysing a defendant State's legal system and that in small jurisdictions, excessively strict standards in respect of such motions could unduly hamper the administration of justice (A.K. v. Liechtenstein, no. 38191/12, § 82, 9 July 2015"*

membru ta' union ta' haddiema, li jista' ikun GWU, UHM jew kwalsiasi Union iehor, jippretendi li l-union tieghu jiddefendih u joffrilu parir u assistenza f'kaz ta' tkeccija ingusta mix-xoghol u mill-ghixien tieghu. Dan huwa wiehed mill-vantaggi ta' shubija f'union ta' haddiema.

Gie sottomess mir-rikorrenti:

"*Huwa l-istess cittadin li jadixxi lil dawn il-qrati li jrid ikollu serhan tal-mohh li l-kawza tieghu ma tigix mismugha u deciza minn gudikant li fil-perspettiva ragonevoli tal-istess cittadin jista' jkollu xi forma ta' inklinazzjoni li tista' minhabba assocjazzjoni tal-istess gudikant iggieghlu anke inkonxjament ixaqleb lejn il-kontroparti fil-kawza minnu intavolata."* [23]

Tghid **testwalment:**

"*F'dan il-kaz is-socjeta' esponenti hija preokkupata serjament illi gudikant li ghaddha parti sostanzjali minn hajtu jimmilita fil-GWU sa ma wasal fl-apice tal-gerarkija taghha ser ixaqleb, anke inkonxjament, favur il-parti l-ohra, li hija membru tal-GWU, assistit mill-ufficju legali tal-GWU u sostnut bix-xhieda li huma ufficjali tal-GWU."*

Illi dwar l-apparenza ta' parzjalita', il-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz fl-ismijiet **Lawrence Grech et v L-Avukat Ġenerali et (7/03/2017)** irribadiet:

---

[23] **L.Grech et vs Avukat Generali et,** Kostituzzjonal, Dec. 7/3/2017

*"13. L-apparenzi wkoll jistgħu jkunu konsiderazzjonijiet oġġettivi li joħolqu dubji. Ukoll jekk ma hemmx rabtiet ġerarkiċi bejn ġudikant u parti fil-kawża, jekk l-apparenzi huma hekk li persuna raġonevoli tista' wkoll mingħajr wisq tiġbid jagħtu x'taħseb li hemm dawk ir-rabtiet, id-dubju ta' dik il-persuna dwar l-imparzjalità tal-ġudikant jista' jkun dubju oġġettivament ġustifikat.*

*14. Fejn jeżistu dubji bħal dan, ikun fl-interess mhux biss tal-parti li oġġettivament tara raġunijiet ta' parzjalità kontriha li l-ġudikant ma jkomplix jisma' l-każ; ikun ukoll fl-interess tal-parti l-oħra għaliex il-ġudikant jista', biex jegħleb kull dubju dwar l-imparzjalità tiegħu ixaqleb, imqar inkonxjament favur l-parti l-oħra."*

*17. Fiċ-ċirkostanzi għalhekk, ma hijiex irraġonevoli l-perċezzjoni li hemm rabta tali bejn l-Arċidjoċesi u l-assoċjazzjoni li tagħha l-imħallef huwa president li tista' tolqot ħażin id-dehra ta' imparzjalità oġġettiva ta' min għandu rwol fit-tmexxija ta' dik l-assoċjazzjoni. Id-dubju ma huwiex wieħed li ma jitqiesx oġġettivament ġustifikat, ukoll jekk dak id-dubju ma jolqotx l-imparzjalità soġġettiva tal-imħallef."*

F'dik il-kawza ir-rabtiet bejn il-gudikant u l-Arcidjocesi kienu baqghu vigenti kontrarjament ghall-kaz odjern.

Illi kif gja premess galadarba persuna tigi mahtura bhala gudikant dik il-persuna hija prezunta li hija imparzjali. Ir-rikorrenti ma ressqet l-ebda prova ta' pregudizzju attwali

lejha fl-aggudikant ghajr ghan-*nostalgija* li qal li hass u ghar-rabtiet li kellu fil-passat mal-union. Ma tressqitx prova dwar xi involviment attwali mal-Union, anzi, ic-*Chairman* cahad kategorikament li zamm xi rabta mal-istess.

**Illi fil-kaz citat ta' Azzopardi v l-Avukat Generali, din il-Qorti kompliet:**

*"Illi dan kollu premess il-Qorti jidhrilha li ma saret l-ebda prova skont il-kejl oggettiv li l-Magistrat bil-kondotta taghha tat xi hjiel li tinnutra xi pregudizzju reali u attwali kontra r-rikorrent jew li ghandu jqum dubbju legittimu ta' tali pregudizzju. Il-fatt wahdu li kienet kandidata politika qabel il-hatra, minghajr fatturi ohra pregudizzjevoli konkomitanti u sussegwenti ghall-hatra ma joholqux tali dubbju sal-grad rikjest mill-artikoli kostituzzjonali u konvenzjonali fuq citati. Jezistu bizzejjed garanziji kemm fil-hatra ta' gudikant, fl-iskrutinju tal-kondotta tal-istess fil-qadi ta' dmirijietu/ha u anke mir-regoli procedurali nostrali, ordinarji u fondamentali, biex jizguraw li l-process jitkompla b'mod xieraq."*

Fil-kaz odjern, ir-rikorrenti semmiet li aggudikanti tat-tribunal mhumiex mahtura skont il-garanziji inerenti fil-hatra ta' Imhallfin u Magistrati u tieqaf hemm minghajr ma tissostanzja l-argument. Il-Qorti ma tarax li ghandha tapprofondixxi hi dak li misset ghamlet is-socjeta' rikorrenti, gjaladarba ma spjegatx ruhha, salv li din il-Qorti tosserva li s-sistema ta' hatra u tat-tnehhija tal-aggudikanti gie rivedut

bl-Att XXXIII tal-2016, u huma dawn l-emmendi li japplikaw ghall-kaz odjern.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti ma ssibx li t-talbiet gew ippruvati u kwindi tichad l-istess.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi** billi, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel eccezzjoni tal-Avukat Generali, tichad it-tieni, it-tielet, r-raba', l-hamsa, it-tmienja u d-disa' eccezzjonijiet tal-Avukat Generali u l-ewwel, it-tieni, t-tielet u s-seba' eccezzjonijiet ta' Gilbert Scerri, sa fejn huma inkompatibbli ma' din is-sentrenza, u ghal bqija, tilqa' l-eccezzjonijiet rimanenti taghhom fil-mertu u konsegwentement tichad it-talbiet tas-socjeta' rikorrenti bhala infondati fattwalment u guridikament.

**L-ispejjez jithallsu mis-socjeta' rikorrenti.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**31 ta' Jannar 2019**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**31 ta' Jannar 2019**